Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,504, 15 ta' Novembru, 1985
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XXI ta' l-1985

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jagħmel dispożizzjoni ġdida dwar il-klieb, minflok id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Klieb.

ACT No. XXI of 1985

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make new provision in respect of dogs, in substitution of the provisions of the Dogs Ordinance.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

15 ta' Novembru, 1985

ATT Nru. XXI ta' l-1985

ATT biex jagħmel dispożizzjoni ġdida dwar il-klieb, minflok id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Klieb.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1985 dwar il-Klieb. Titolu.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — Tifsir.

"detentur" tinkludi kull persuna li tkun inkarigata minn jew li normalment titma jew tieħu ħsieb xi kelb;

"dritt preskritt" tfisser id-dritt preskritt taħt ir-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija. G.N. 846 ta' l-1949

3. (1) Ebda persuna ma tista' żżomm kelb ta' l-età ta' sitt xhur jew iżjed mingħajr liċenza maħruġa skond dan l-Att. Liċenza.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kull persuna li fil-kustodja jew fil-pussess tagħha, jew li fid-dar jew fil-post tagħha, jinsab xi kelb bħal dak, titqies li tkun il-persuna li żżomm dak il-kelb, sakemm ma jiġix pruvat kuntrarju.

(3) Il-prova li kelb ma jkollux iżjed minn sitt xhur tkun għall-persuna li żżomm il-kelb.

(4) Persuna għamja li żżomm kelb li jintuża biss biex tiggwidaha tkun eżentata mill-ħlas tad-dritt preskritt.

4. (1) Liċenzi biex jinżammu klieb jinħarġu mill-Kummissarju tal-Pulizija u jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni lill-uffiċjal inkarigat minn dawk il-liċenzi mal-ħlas tad-dritt preskritt. Applikazzjoni għal liċenza.

(2) Tkun meħtieġa liċenza separata għal kull kelb.

(3) Ebda persuna ma tikkwalifika biex tikseb liċenza taħt dan l-Att kemm-il darba din ma tkunx għalqet l-età ta' tmintax-il sena u tkun kapaċi li tieħu ħsieb kelb:

Iżda l-kwalifika ta' l-età ta' tmintax-il sena ma tapplikax għal persuni għomja.

Restrizzjonijiet dwar it-tiżmim ta' klieb.
Kap. 13

5. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jipprojbixxi detentur ta' liċenza milli jżomm iktar minn kelb wieħed f'xi dar li tkun qiegħda f'post abitata fis-sens tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kull persuna li fid-dar tagħha jinstabu xi klieb, titqies li tkun il-persuna li żżomm dawk il-klieb, sakemm ma jiġix ppruvat kuntrarju.

(3) Fil-każ ta' djar mikrija b'appartamenti, kull parti ta' dik id-dar mikrija għaliha, għandha, għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, titqies li hi dar.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot xi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija dwar it-tiżmim ta' klieb f'kerrejjiet.

Midalja.

6. (1) Ma' kull liċenza maħruġa jew imġedda taħt dan l-Att għandha tingħata midalja tal-metall li tintlibes mill-kelb li għalih tirriferi l-liċenza.

(2) Kull midalja għandha ġġib numru u s-sena tal-ħruġ tagħha, tkun valida għas-sena li matulha tkun inħarġet, u tista' tiġġedded għal perijodi ta' tnax-il xahar li kull wieħed minnhom jibda jgħodd mill-1 ta' Jannar ta' kull sena.

(3) Id-dritt għal liċenza għandha tinkludi l-ispiża tal-midalja.

(4) Midalja oħra jew midalji oħra, meta hekk meħtieġ, jistgħu jinħarġu għall-istess kelb matul kull sena li għaliha jkun hemm fis-seħħ liċenza, mal-ħlas tad-dritt preskritt.

(5) In-numru ta' kull midalja għandu jitniżżel fuq il-liċenza mill-uffiċjal li joħroġ dik il-liċenza.

Isem u indirizz fuq il-midalja.

7. Il-Kummissarju tal-Pulizija jista', wara applikazzjoni, jinkludi fil-midalja l-isem u l-indirizz tad-detentur tal-liċenza, mal-ħlas tad-dritt preskritt.

Użu ta' midalja.

8. Ebda persuna ma għandha tuża għal xi kelb midalja li kienet inħarġet jew iġġeddet għal xi kelb ieħor, u s-sid jew id-detentur ta' kull kelb li jkun liebes dik il-midalja jitqies li hu l-persuna li wżat dik il-midalja bi ksur tad-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu, kemm-il darba ma jiġix pruvat kuntrarju.

Wiri ta' midalja.

9. (1) Kull uffiċjal tal-pulizija jista' jaqbad u jżomm xi kelb sabiex jeżamina l-midalja milbusa mill-kelb.

(2) Kull uffiċjal tal-pulizija jista' jeħtieġ lis-sid jew lid-detentur ta' kelb li jipproduċi u jagħtih fi żmien sebat ijiem il-liċenza dwar il-kelb sabiex jeżaminaha.

10. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, kull uffiċjal tal-pulizija jista' jaqbad kull kelb li jkun qed jiġġerra u jżommu sakemm il-kelb ma jiġix mitlub lura minn sidu jew mid-detentur tiegħu, u dan jipproduċi l-liċenza dwar dak il-kelb, u jħallas l-ispejjeż kollha li jkunu saru biex jinżamm dak il-kelb.

Talba għal għoti lura tal-kelb.

(2) Jekk il-kelb ma jiġix mitlub lura jew il-liċenza dwaru ma tiġix prodotta jew l-ispejjeż imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jitħallsux fi żmien sebat ijiem minn meta jinqabad il-kelb, dan il-kelb jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra mill-Pulizija.

(3) Il-ħlas ta' l-ispejjeż kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jeħlisx lis-sid jew lid-detentur tal-kelb minn xi responsabbiltà oħra taħt dan l-Att.

11. Kull uffiċjal tal-pulizija jista' wkoll jaqbad u jżomm kelb li jaħbat għal xi persuna, jew għal xi żiemel jew annimal ieħor mirkub armat f'vettura, jew ifixkel xi vettura miexja b'mod li jdejjaq jew li jkun ta' perikolu, u f'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att għandhom japplikaw.

Setgħa għall-qbid ta' klieb f'xi każijiet.

12. Għall-finijiet ta' l-artikoli 9, 10 u 11 ta' dan l-Att "uffiċjal tal-pulizija" tinkludi kull persuna awtorizzata mill-Ministru responsabbli għall-pulizija biex taqdi xi wħud mill-funzjonijiet tal-pulizija taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli.

Uffiċjal tal-pulizija jinkludi persuni awtorizzati.

13. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, kull persuna barra minn uffiċjal tal-pulizija, li tieħu fil-pussess tagħha kelb li jkun qed jiġġerra għandha:

Persuna li ssib xi kelb jiġġerra waħdu.

(a) tagħti lura l-kelb lil sidu jew lid-detentur tiegħu, jekk dan ikun magħruf; jew

(b) tieħu lill-kelb fl-eqreb għassa tal-pulizija u tgħarraf lill-uffiċjal tal-pulizija inkarigat minn dik l-għassa fejn sabet il-kelb u ma' dan japplikaw għal dak il-kelb id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att.

14. (1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu għannies, jonqos li jżomm il-kelb taħt kontroll, dan ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati ammenda ta' ħames liri Maltin u l-Qorti għandha tordna lill-Pulizija li tiddistruġġi l-kelb għas-spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid.

Klieb perikolużi.

(2) Ma jkunx meħtieġ għall-prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluż biex il-Qorti tordna li jiġi distrutt il-kelb kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Jekk il-persuna akkużata kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun għal xi raġuni meħlusa mill-akkuża, il-Qorti għandha, xorta waħda, jekk tkun sodisfatta li l-kelb hu perikoluż, tordna li dan jiġi disrutt.

(4) Kelb li jkun gidem jew ħabat għal xi persuna jitqies li hu perikoluż, kemm-il darba ma jiġix pruvat kuntrarju.

15. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali dejjem ikollu jedd għal appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja dwar proċedimenti li jinqalgħu mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att.

Appell mill-Avukat Ġenerali.

Suspett ta' 'rabbja' jew mard ieħor li jittieħed.
Kap. 59

16. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, u ta' kull liġi oħra, kull meta persuna tissuspetta li kelb ikollu r-rabbja jew xi marda oħra li tittieħed min-nies tgħarraf lil xi uffiċjal tal-pulizija bis-suspett tagħha u l-post fejn jinsab il-kelb, jew xi uffiċjal tal-pulizija jkollu dak is-suspett dwar xi kelb, dak l-uffiċjal għandu minnufih jagħti dak it-tagħrif li jkun irċeva lill-Veterinarju Prinċipali jew lil Veterinarju ieħor tal-Gvern u dan għandu jaġixxi fuq il-parir tiegħu.

(2) Jekk il-Veterinarju li jkun hekk mgħarraf ikun tal-fehma li jkun hemm raġuni xierqa jissuspetta r-rabbja jew xi marda oħra li tittieħed min-nies dan għandu jgħarraf minnufih lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li għandu jagħti dawk id-direttivi li jkunu meħtieġa sabiex titħares is-saħħa pubblika.

Reati u pieni.

17. Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares xi dispożizzjoni ta' dan l-Att tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja tista' teħel għal kull reat, kemm-il darba m'hemmx provdut piena ikbar taħt xi liġi oħra ammenda ta' ħames liri Maltin.

Applikazzjoni ta' l-artikolu 316 tal-Liġijiet tal-Pulizija.

18. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 316 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għandhom japplikaw għal kull reat taħt dan l-Att jew għal kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.

Regolamenti.

19. Il-Ministru responsabbli għall-pulizija jista' minn żmien għal żmien jagħmel regolamenti sabiex jingħata effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista' jagħmel regolamenti —

(a) sabiex jippreskrivu għal sarima u t-tiżmim tal-klieb taħt kontroll;

(b) sabiex jippreskrivu u jirregolaw li l-klieb ikunu lebsin, meta jkunu f'ċerti postijiet pubbliċi, kullar bl-isem u bl-indirizz tas-sid jew tad-detentur tiegħu iskritti jew fuq il-kullar jew fuq pjanċa jew medalja mwaħħla miegħu;

(ċ) sabiex ma jħallux li klieb jew lil xi klassi tal-klieb jitħallew jiġġerrew waqt is-sigħat kollha jew x'uħud mis-sigħat bejn inżul u tlugħ ix-xemx;

(d) sabiex jirregolaw u jikkontrollaw it-tiżmim ta' klieb f'xi ċirkostanzi partikolari;

(e) sabiex ma jitħalliex li klieb iħammġu l-bankini u t-toroq;

(f) sabiex jippreskrivu u jirregolaw il-qbid, it-tiżmim u t-tneħħija, inkluż id-distruzzjoni ta' klieb li jkunu qed jiġġerrew jew ta' klieb li ma jkollhomx sarima jew li ma jkunux miżmuma taħt kontroll;

(ġ) sabiex jippreskrivu d-drittijiet u l-ispejjeż għat-tiżmim ta' klieb u l-ġbir ta' dawk id-drittijiet u spejjeż mingħand is-sidien jew mingħand id-detenturi;

(ħ) sabiex jippreskrivu l-ktieb li għandu jinżamm mid-detenturi ta' liċenzi ta' ħwienet tal-*pets* u negozjanti tal-klieb, u t-tagħrif li għandu jitniżżel f'dak il-ktieb dwar kull kelb mibjugħ u dwar min jixtrih;

(i) sabiex jipprovdu li kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares xi regolamenti magħmula taħt dan l-Att tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja pieni li ma jkunux iktar minn ammenda;

(j) sabiex jippreskrivu kull ħaġa li tista' tiġi preskritta; u

(k) b'mod ġenerali għal kull għan ieħor li jkollu x'jaqsam mat-tħaddim tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

20. (1) L-Ordinanza dwar il-Klieb hi b'dan imħassra bla ħsara għal kull ħaġa magħmula jew li naqset milli ssir bis-saħħa tagħha, u, b'mod partikolari, għal kull proċedimenti li jkunu ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu bis-saħħa tagħha dwar xi responsabbiltà, penali jew piena taħtha. Tħassir u riżerva. Kap. 63

(2) Kull liċenza mogħtija taħt l-imsemmija Ordinanza u kull medalja maħruġa jew permessa dwar dik il-liċenza, li jkunu validi mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu validi għaż-żmien li ma jkunx għalaq u għal dak iż-żmien jitqiesu li jkunu ngħataw, inħarġu u permessi taħt dan l-Att u jitqiesu skond hekk.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 294 tat-13 ta' Novembru, 1985.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati